# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017**

**Numru 1**

**Appell Kostituzzjonali Numru 8/2015/1 MCH**

**Joseph Feilazoo**

***v.***

**L-Onor. Prim Ministru u**
**l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fl-4 ta' Ottubru 2016 li sabet li kien hemm ksur tal-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenz-joni"] meta ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija. Billi iżda sabet illi l-ksur tal-jedd tal-attur kien biss wieħed formali u ta' ebda konsegwenza ta' ħsara fuq il-proċess

kriminali, l-ewwel qorti ddeċidiet li dikjarazzjoni tal-ksur tal-jedd hija rimedju biżżejjed. Ukoll, l-ewwel qorti ma sabet l-ebda ksur tal-artt. 3, 7 u 14 tal-Konvenzjoni u tal-artt. 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"]

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra fis-sentenza appellata:

> »Fis-27 ta' Awissu 2008 ir-rikorrent wasal ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta minn Spanja. Hu twaqqaf mill-awtoritajiet mal-wasla tiegħu skont il-poteri mogħtija lilhom mill-liġi u dan a bażi ta' suspett fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent ta l-kunsens tiegħu għat-teħid tal-*x-rays* u ġie infurmat li t-teħid ta' tali *x-rays* kien intiż sabiex jiġi stabbilit jekk hu kienx qiegħed iġorr xi kapsoli li fihom id-droga. Eventwalment huwa ġie mressaq il-qorti akkużat b'diversi reati u sussegwentement, fuq ammissjoni, kien instab ħati tal-istess u weħel sentenza ta' priġunerija u multa.«

3. L-attur imbagħad fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikoli 3, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u
>
> »2. takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.«

4. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jallega li huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 3,6,7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Talab ukoll li jingħata rimedju;
>
> »2. illi in linea preliminari, in kwantu l-mertu tal-każ jikkonċerna proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, l-Onorevoli Prim Ministru ma jiffigura mkien f'dan ix-xenarju u lanqas huwa edott mill-fatti tal-każ u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »3. illi subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> »4. illi dwar il-fatti tal-każ l-esponenti jirrilevaw immedjatament illi kif jirriżulta mill-atti tal-każ kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Joseph Feilazoo</u>, ir-rikorrent twaqqaf mill-awtoritajiet mal-wasla tiegħu ġewwa Malta skont il-poteri mogħtija lilhom mill-liġi u dan a bażi ta' suspett raġjonevoli fil-konfront tiegħu. Eventwalment huwa ġie mressaq il-qorti akkużat b'diversi reati u sussegwentement instab ħati tal-istess u ntbagħat il-ħabs u weħel ukoll multa;

»5. illi matul l-interrogazzjonijiet, għalkemm ma kienx assistit minn avukat għax dan id-dritt ma kienx għadu ġie fis-seħħ fil-liġi Maltija, id-drittijiet kollha tar-rikorrent xorta ġew salvagwardjati u anke ngħata t-twissijiet kollha skont il-liġi;

» 6. illi r-rikorrent ta l-kunsens tiegħu għat-teħid tal-*x-rays* volontarjament u dan minkejja li kien infurmat li t-teħid ta' tali *x-rays* kien intiż sabiex jiġi stabbilit jekk hu kienx qiegħed iġorr xi kapsoli li fihom id-droga;

»7. illi fuq għażla libera tar-rikorrent, waqt il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, huwa ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontrih fil-preżenza tal-avukat tiegħu, u baqa' jippersisti b'din l-ammissjoni minkejja li ngħata żmien biex jerġa' jaħsibha u minkejja li ġie mwissi mill-qorti bil-konsegwenzi kollha li dik l-ammissjoni kienet iġġib magħha.

»Dwar l-ilment tar-rikorrent li jolqot in-nuqqas ta' assistenza legali

»8. illi fl-ewwel lok l-esponenti jopponu fermement l-allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent li huwa ġie mġiegħel jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jittiħdulu xi *x-rays.* L-esponenti anzi jisħqu li tali kunsens ingħata b'mod ħieles u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

»9. Illi *inoltre* l-allegazzjoni illi, li kieku r-rikorrent tħalla jikkonsulta ruħu ma' avukat, l-eżitu kien ikun differenti hija waħda purament gratuwita u spekulattiva u għandha għalhekk tiġi trattata bħala tali;

»10. illi l-esponenti jirrilevaw ulterjorment li ma hemm xejn straordinarju fil-fatt li l-istqarrija li r-rikorrent irrilaxxa lill-pulizija kienet iffirmata minn Spettur u Surġent. Din hija proċedura li ilha tiġi mħaddma għal għexieren ta' snin mill-Korp tal-Pulizija u għalhekk anke tali insinwazzjoni hija purament fiergħa;

»11. illi in tema legali, minkejja numru ta' sentenzi mogħtija kemm mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta kif ukoll minn dik Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar in-nuqqas t'assistenza legali, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li ebda qorti, f'ebda ħin, ma stabbiliet bħala prinċipju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali f'xi stadju tal-investigazzjonijiet awtomatikament iġġib magħha leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

»12. illi effettivament il-qrati f'każijiet ta' din ix-xorta għamlu analiżi individwali taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ li kellhom quddiemhom, b'dan li kien biss wara eżami akkurat tal-assjem taċ-ċirkostanzi kollha illi l-istess qrati waslu għall-konklużjoni jekk, f'dawk il-każijiet partikolari, in-nuqqas ta' assistenza legali kinetx leżiva jew le tad-drittijiet umani tal-akkużati in kwistjoni;

»13. illi kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fil-każ odjern ma għandu jirriżulta ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent Feilazoo;

»14. illi *inoltre* u bla preġudizzju għas-suespost in kwantu l-proċeduri lamentati mir-rikorrent huma ormai *res judicata,* id-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha u

mhux fir-rigward ta' mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent odjern;

»15. illi effettivament ir-rikorrent ingħata t-twissijiet kollha skont il-liġi u *cioè* li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu;

»16. illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ, kemm fl-għoti tal-kunsens għat-teħid tal-*x-rays* kif ukoll għal dak li jirrigwarda r-rilaxx tal-istqarrija, r-rikorrent irrikonoxxa li kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha;

»17. illi *inoltre* u għar-raġunijiet suesposti l-allegata vulnerabilità tar-rikorrent qiegħda wkoll tiġi fermament opposta mill-esponenti. Kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ, ir-rikorrent kellu maturità biżżejjed li jkun ben konsapevoli tar-riskji u l-konsegwenzi li seta' jiffaċja minħabba l-attività illeċita li tagħha eventwalment instab ħati;

»18. illi *inoltre* fil-proċeduri kriminali, apparti xhieda oħra li tressqu, ir-rikorrent odjern ammetta għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, u minkejja li huwa ngħata ħin biżżejjed biex jirrifletti dwar dan huwa baqa' jippersisti b'tali ammissjoni ta' ħtija. Dan kollu sar fil-preżenza u bl-assistenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu;

»19. illi wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent fl-ebda waqt tal-proċeduri kriminali in kontestazzjoni ma attakka l-validità jew il-volontarjetà tal-għoti tal-kunsens tiegħu għat-teħid tal-*x-rays* jew għar-rilaxx tal-istqarrija u lanqas ma oppona għall-preżentata tal-istess, iżda huwa proprju issa, tant snin wara, li qed issir l-allegazzjoni ta' xi vjolazzjoni ta' drittijiet tiegħu;

»20. lli l-fatt illi r-rikorrent l-ewwel ħalla l-proċeduri kollha quddiem il-qrati ordinarji jiġu konklużi imbagħad qagħad jistenna u wara tant snin 'ħareġ mill-komma' lanjanzi li huma ta' natura kostituzzjonali jġib bħala konsegwenza illi t-tqanqil ta' dawk il-lanjanzi jkunu frivoli u vessatorji. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragħ, iżda wkoll it-tqanqil ta' argumenti b'mod intempestiv u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntgħażlu biex jerġgħu jiftħu materja li ormai hija *res judicata*;

»21. illi fid-dawl tas-suespost kif ukoll kif għandu jirriżulta mill-atti tal-proċess kriminali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, qatt ma ġew leżi.

»Dwar l-ilment tar-rikorrent li jolqot id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali

»Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta

»22. illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li l-kariga tal-esponent stabbilita a tenur tal-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija waħda li tagħtih is-setgħa li jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali, *oltre* s-setgħat oħrajn mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu. Din id-diskrezzjoni hija waħda direzzjonali u mhux kostituttiva tal-azzjoni penali, liema azzjoni hija prosegwibbli indipendentement mill-esponent;

»23. illi fil-kuntest tal-proċeduri odjerni d-diskrezzjoni tal-esponent dwar l-għażla tal-*forum* li quddiemu l-imputat ġie akkużat sabiex jiġi ġudikat skont il-liġi ġiet eżerċitata proprju f'dawn il-parametri in kwantu b'mod kuxjenzjuż wasal għad-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' kriterji li huma faċilment rintraċċabbli u identifikabbli fil-ġurisprudenza nostrali senjatament il-kwantità ta' droga, it-tip ta' droga, il-livell ta' parteċipazzjoni tal-akkużat fir-reat, l-istqarrija tiegħu, il-fedina penali, kif ukoll aggravanti u ċirkostanzi oħra partikolari għall-każ;

»24. illi l-esponent jeċċepixxi li anke jekk il-kriterji użati minnu fid-deċiżjoni dwar il-qorti li quddiemha tintbagħat persuna m'humiex elenkati fil-liġi, dan il-fatt waħdu m'għandux iwassal awtomatikament għal sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

»25. illi l-esponent itenni li kull każ għandu l-fattispeċi partikolari tiegħu u l-ordni mogħtija minnu sabiex ir-rikorrent odjern jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali ngħatat b'mod kuxjenzjuż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tiegħu;

»26. illi effettivament il-piena li ngħata r-rikorrent mill-qorti kienet taqa' fil-parametri tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali u mhux dik tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk dan ikompli juri kemm l-użu tad-diskrezzjoni mill-Avukat Ġenerali kien ġust u korrett;

»27. illi *inoltre* tenut kont in-natura tar-reat li bih ġie akkużat u misjub ħati r-rikorrent għandu jitqies li kien prevedibbli għalih li jantiċipa li l-każ tiegħu kien ser jispiċċa quddiem il-Qorti Kriminali;

»28. illi għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost m'għandu jirriżulta li hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

»Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

»29. illi fil-fehma tal-esponenti l-użu tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali fix-xenarju in kwistjoni ma tmurx kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, ir-rikorrent ġie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-liġi. L-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni in deżamina jirregolaw il-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti u mhux kif persuna tinġieb quddiem il-qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur ma għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali mill-liġi stess;

»30 iIlli tali funzjoni tal-Avukat Ġenerali mhix sinonima mal-funzjoni ta' ġudikant. Il-fatt illi l-liġi tagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali fejn jista' jagħżel quddiem liema qorti jkun ser jisma' l-każ ma jfissirx illi b'xi mod l-Avukat Ġenerali jikkonverti ruħu f'ġudikant;

»31. illi bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx qiegħed b'xi mod jagħti xi deċiżjoni fuq il-mertu tal-akkużi. Li jsir huwa li jiġi stradat il-każ billi tiġi eżaminata l-gravità tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jiċċirkondaw il-kommissjoni tar-reat. L-istess jingħad fuq il-piena u *cioè* li l-Avukat Ġenerali ma jiddeċidix il-piena li għandha tiġi inflitta f'każ li persuna tinsab ħatja. Għall-massimu, hija l-liġi stess li tippreskrivi l-minimu u l-massimu tal-piena f''każ ta' sejbien ta' ħtija. L-Avukat Ġenerali, bħala prosekutur, l-aktar li jista' jagħmel huwa li jiddetermina l-*forum* kompetenti li fih imbagħad tinstema' l-kawża. Biss l-Avukat Ġenerali ma għandux setgħa la fuq jekk persuna tinstabx ħatja jew le, u l-anqas għandu setgħa jiddetermina l-piena erogabbli fil-każ li dak il-*forum* isib lill-akkużat ħati tal-akkużi kontestati lilu;

»32. illi dan jingħad peress li l-Avukat Ġenerali ma għandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkużat jinstabx ħati jew le u dana *stante* illi tali deċiżjoni tittieħed mill-organu kompetenti illi hija l-qorti. Bil-poter mogħti bil-liġi, l-Avukat Ġenerali ma hu qed jagħmel ebda *pre-judgment* jew ġudizzju fuq ħtija tal-persuna li mexxa kontra tagħha;

»33. illi l-prinċipji kollha suesposti diġà ġew stabbiliti f'katina ta' ġurisprudenza nostrali;

»34. illi għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost m'għandu jirriżulta li hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

» Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

»35. illi sabiex jiġi kkunsidrat argument taħt il-kappa ta' dan l-artikolu irid isir tqabbil ta' *like with like*.

»36. illi l-fatt li l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu sabiex ċerti każijiet jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati filwaqt li oħrajn għandhom jinstemgħu quddiem il-Qorti Kriminali huwa proprju minħabba li jkunu jvarjaw iċ-ċirkostanzi tal-każijiet rispettivi b'dan li l-każijiet l-aktar serji jintbagħtu quddiem il-Qorti Kriminali u dawk inqas serji jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Isegwi għalhekk li ma jistax isir tqabbil ta' *like with like* għax kollox jiddependi minn jekk il-każ hux serju jew inqas serju;

»37. illi l-esponent isostni li l-każ li kien jinvolvi r-rikorrent kien wieħed ta' natura serja, liema fattur huwa rifless mhux biss fl-għażla tal-qorti imma anke fl-għoti tal-piena u għalhekk ma seħħet ebda diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu. Għalhekk meta mqabbel ma każijiet oħra ta' natura serja bħal tiegħu li lkoll spiċċaw quddiem il-Qorti Kriminali ma jistax jitqies li seħħet xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

»Dwar l-ilment tar-rikorrent li jolqot il-piena inflitta

»38. illi l-esponent isostni li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li tordna lir-rikorrent iħallas multa ta' Eur 50,000 u l-ispejjeż tal-kawża hija waħda ġusta, mogħtija skont id-diskrezzjoni tal-qorti li semgħet

il-każ u taqa' pjenament fil-parametri tal-poteri tal-qorti skont il-liġi;

»39. illi *inoltre* u bla preġudizzju għas-suespost, minn verifika tal-atti tal-proċeduri kriminali in kwistjoni, l-esponenti ma jirriżultalhomx li kien hemm xi evidenza li tagħti ħjiel li r-rikorrent ma kienx f'qagħda finanzjarja li jħallas tali multa u spejjeż. Lanqas irriżultalhom li ċ-ċirkostanzi tar-reat "ċarament juru l-istat finanzjarju miżeru" tar-rikorrent kif qiegħed jallega fir-rikors promotur;

»40 illi l-esponenti jirrilevaw li l-każistika dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni hija kopjuża u tistabilixxi b'mod konsistenti fosthom fil-każ <u>A and others *v.* United Kingdom</u> deċiż 19 ta' Frar 2009 li:

> »"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, § 95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be 'inhuman' because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be 'degrading' because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was 'degrading' within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3."

»41. illi l-esponenti jisħqu li b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jitqies li l-ordni tal-qorti għall-ħlas tal-multa u l-ispejjeż tal-kawża ma jistgħu jitqiesu inumani u degradanti f'dan il-kuntest. Addirittura, l-Qorti Ewropea fil-każ appena ċitat tkompli tgħid hekk:

> »"In order for a punishment or treatment associated with it to be 'inhuman' or 'degrading', the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (Ramirez Sanchez, cited above, §§ 118-119)".

»42. isegwi għalhekk illi, fi kwalunkwe każ, kull sofferenza li *dato ma non concesso* seta' sofra r-rikorrent minħabba l-piena inflitta u l-ħlas tal-multa hija waħda inevitabbli u ssegwi trattament leġittimu li rċieva mill-qorti kompetenti bħala riżultat tal-għemil illeċitu tiegħu. Għalhekk tali sofferenza, jekk seħħet, hija fi

kwalunkwe każ eskluża mill-applikabilità tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet il-kawża kif ġej:

»… … ... in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deċiż, issib ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni fis-sens illi l-ksur seħħ għax ir-rikorrenti ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija;

»Issib li ma kien hemm ebda leżjoni taħt l-artikoli 3, 7, 14 tal-Konvenzjoni u 36 u 39 tal-Kostituzzjoni;

»*In vista* tal-fatt li dan il-każ kien *res judicata*, li kien hemm ammissjoni inkondizzjonata tar-rikorrent/akkużat u ebda kontestazzjoni preċedenti, u li l-leżjoni taħt l-artikolu 6(3)(ċ) hija biss waħda formali u ta' ebda konsegwenza ta' ħsara fuq il-proċess kriminali, id-dikjarazzjoni tal-istess leżjoni hi rimedju suffiċjenti.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat

»Dwar in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat

»... … …

»Illi ebda qorti f'ebda ħin ma stabbiliet bħala prinċipju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali f'xi stadju tal-investigazzjonijiet awtomatikament iġġib magħha leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi effettivament il-qrati f'każijiet ta' din ix-xorta jagħmlu analiżi individwali taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ li jkollhom quddiemhom, b'dan li, wara eżami akkurat tal-assjem taċ-ċirkostanzi kollha, l-istess qrati jaslu għall-konklużjoni jekk, f'dawk il-każijiet partikolari, in-nuqqas ta' assistenza legali hija leżiva jew le tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat. *Inoltre* l-proċeduri lamentati mir-rikorrent huma *res judicata*. Id-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward tal-mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent. Dwar l-allegata vulnerabilità tar-rikorrent hu kellu maturità biżżejjed li jkun ben konsapevoli tar-riskji u l-konsegwenzi li seta' jiffaċja min-ħabba l-attivita illeċita tiegħu li tagħha eventwalment instab ħati.

»Teħid ta' *x-ray*

»Illi r-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu jgħid li meta waqqfuh il-pulizija l-*airport* u ma sabu xejn fuqu, qalulu li kienu ser jieħduħ l-isptar biex jagħmlulu *x-ray* tal-istonku tiegħu billi kellhom suspett raġjonevoli li kien qed iġorr id-drogi. Qal li hu ma qabilx u ried l-avukat iżda huma qalulu li ma kellux dritt għal avukat. Meta kien l-isptar qalulu biex jiffirma karta u reġa' rrifjuta u talabhom jikkuntattja l-avukat fi Spanja. Huwa qalulu li kienu ser jagħmlulu l-*x-ray* irid jew ma jridx. Huma għamlu ħafna

pressjoni fuqu, u dak il-ħin kien imbeżżaʼ u għajjien. Imbagħad hu ffirma. Meta għamlulu l-*x-ray* sabu d-drogi fl-imsaren tiegħu.

»L-intimati innegaw li saret xi pressjoni fuq ir-rikorrent. Qalu li għalkemm ir-rikorrent dak iż-żmien ma kellux dritt għal avukat bil-liġi, huma però kienu tawh is-solita twissija li kull ma jgħid kienet se tinġieb bħala prova kontra tiegħu. *Inoltre* anke kieku r-rikorrent ma tahomx il-kunsens, huma kienu lesti li jipproċedu bil-proċedura skond il-liġi u jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat tal-Għassa biex isir l-*x-ray*.

»Illi l-Kodiċi Kriminali fit-Taqsima *fuq l-Awtoritajiet li lilhom hija fdata l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja Kriminali*, it-Titolu li jitkellem *fuq is-Setgħat u d-Dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-Proċedimenti Kriminali*, u fost dawn, insibu l-artikolu 355AW li jipprovdi li:

> »”Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AV u 355AX, kampjun intimu jistaʼ jittieħed minn persuna arrestata biss jekk jingħata l-kunsens tagħha kif dovut.”

»Imbagħad il-liġi tipprovdi wkoll li fil-każ li persuna suspettata tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha, l-artikolu 355BB4 jagħti l-poter lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex jawtorizza t-teħid taʼ kampjun minn persuna li ma tkunx arrestata u li tkun qed tirrifjuta li tissottometti ruħha għal ġbir tal-kampjun.

»Illi fil-każ in eżami r-rikorrent kien tah l-kunsens tiegħu (ara Dok. A *fol* 59 *Consent Form*); għalhekk ma kienx hemm għalfejn li tintalab l-awtorizzazzjoni tal-maġistrat mill-pulizija investigattiva.

»Ir-rikorrent però jsostni li hu kien talab l-assistenza tal-avukat u ma ngħatax u kien taħt pressjoni biex jiffirma.

»Illi fil-fehma tal-qorti r-rikorrenti ma ġab ebda prova li hu ġie sfurzat biex jiffirma, u fil-fatt hu ma ressaq ebda xhud biex jissustanzja dak li allega jew indika minn kienu l-persuni li għamlu pressjoni fuqu. Għalkemm ġew prodotti diversi xhieda waqt il-kumpilazzjoni dawn fl-ebda ħin ma ġew kontroeżaminati. Jiġi rilevat li r-rikorrent qatt ma lmenta dwar il-mod kif ittieħed l-*x-ray* waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali inkluż waqt il-kumpilazzjoni tal-provi. Kien biss wara sitt snin wara [li] ntemm il-proċess kriminali li r-rikorrent iddeċieda li jressaq il-proċeduri preżenti.

»Kwantu għal assistenza taʼ avukat fl-istadju meta l-pulizija kienu qed jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom, lanqas il-Konvenzjoni Ewropea ma tesiġi li persuna li qed tiġi investigata jkollha d-dritt għal avukat. Fil-fatt l-artikolu 6(3) jagħti dritt għal avukat meta persuna “*is charged with a criminal offence*”. Meta r-rikorrent intalab li jiffirma l-*consent form* huwa kien għadu biss qed jiġi investigat u ma kienx għadu ġie interrogat jew *charged* u għalhekk ma kellux ebda dritt taʼ avukat fʼdak l-istadju.

»Illi fʼdan il-każ ma ġiex pruvat li l-kunsens tar-rikorrent ġie karpit kontra l-liġi. Hu qatt ma kkontesta l-volontarjetà taʼ dan il-kunsens, la quddiem il-qorti fil-kumpilazzjoni u lanqas quddiem il-Qorti Kriminali fejn ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu u dana wara li ġie imwissi mill-qorti dwar il-konsegwenzi taʼ tali ammissjoni (ara *fol*. 349) u dana anke fil-presenza u bl-assistenza tal-avukati taʼ fiduċja tiegħu. Qabel il-ġuri huwa ma kien ippreżenta ebda eċċezzjoni fʼdan is-sens (ara *fol*. 332 u 337) u wara l-ġuri ma kienx appella. Fʼsebaʼ snin huwa qatt ma

kkontesta li l-kunsens tiegħu kien ġie karpit jew li ngħata taħt pressjoni.

»Għalkemm it-teħid ta' materjal (bħal *x-ray*) minn fuq il-persuna jikkostitwixxi interferenza fit-tgawdija tal-jedd ta' privatezza, l-interferenza f'dan il-każ kienet waħda, "*prescribed by law*", "*pursued one or more legitimate aim or aims and was necessary in a democratic society to attain them*". Illi l-interferenza kienet legali billi l-pulizija kellha suspett raġjonevoli fuq ir-rikorrent u, *stante* l-gravità tal-każ, il-pulizija kellha tieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex il-provi jkunu kompluti kemm jista' jkun. L-għan wara dik l-ordni ma kienx wieħed arbitrarju imma kien wieħed leġittimu billi serva biex tinġabar prova forensi biex tgħin fil-prosekuzzjoni ta' persuna akkużata b'reat serju u kienet neċessarja f'soċjetà demokratika billi l-ġbir ta' dik il-prova forensi kienet diretta lejn ir-riżoluzzjoni ta' proċediment penali. Illi t-teħid tal-*x-ray* in kwistjoni rrispetta l-bilanċ ġust bejn l-interessi tal-individwu, f'dan il-każ tar-rikorrent, u l-interessi tas-soċjetà in ġenerali, b'mod partikolari fl-interess tal-ġustizzja partikolarment minħabba l-importanza li tali prova kellha għall-aħjar prosegwiment tal-proċeduri kriminali.

»Kwantu għas-sottomissjoni tar-rikorrenti li kieku kien assistit minn avukat huwa ma kienx jagħti l-kunsens tiegħu, dina l-asserzjoni hija waħda gratwita, tant li l-qorti tinnota li anke meta kien assistit millavukati tiegħu huwa ammetta l-akkużi li tressqu kontrih quddiem il-Qorti Kriminali. Kwantu għas-sottomissjoni li hu ma kienx jaf il-liġi, hu risaput li dina ma hi skuża xejn.

»Dritt tal-avukat

»Illi r-rikorrent jissottometti li huwa rrilaxxja stqarrija meta ma kienx assistit minn avukat. L-intimati wieġbu li dak iż-żmien il-liġi ma kinitx tipprovdi għall-assistenza legali qabel jew waqt l-interogazzjoni, imma r-rikorrent ingħata s-solita twissija u fl-ebda stadju ma kkontesta l-volontarjetà tal-i*statement* li huwa rrilaxxja la waqt il-kumpilazzjoni u lanqas quddiem il-Qorti Kriminali, fejn huwa ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu.

»Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Abdilla *v.* Avukat Ġenerali deċiża fis-16 ta' Mejju 2016 stqarret li, fid-dawl tas-sentenza mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti ta' Strasbourg fil-każ ta' Borg *v.* Malta l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-każ Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija warajha ma kinitx aktar tenibbli u għalhekk il-Qorti kienet tal-fehma li ma kienx għaqli tinsisti fuq dik l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm baqgħet ittenni li kienet għadha temmen illi hija l-interpretazzjoni korretta u ta' buon sens u imsejsa fuq konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea stess fil-każ seminali ta' Salduz *v.* it-Turkija**.**

»Illi skond l-imsemmija sentenza Borg *v.* Malta:

> »"Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.

»"It follows that, where the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons, this falls short of the requirements of Article 6.

»"There has accordingly been a violation of Article 6§3(c) taken in conjunction with Article 6§1 of the Convention."

»Illi f'dan il-każ meta r-rikorrent ġie interrogat u rrilaxxja l-istqarrija ma kienx assistit minn avukat billi l-liġi, dak iż-żmien, ma kinitx tagħti d-dritt ta' avukat f'dak l-istadju. In vista tal-ġurisprudenza prevalenti llum dina l-qorti qed issib li f'dan il-każ kien hemm ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, iżda, fil-fehma tal-qorti, dan il-ksur kien biss wieħed formali u ma kellu ebda konsegwenza ta' ħsara għar-rikorrent fuq il-korrettezza tal-proċess kriminali meqjus fl-intier tiegħu u dana anke meta l-qorti tikkunsidra li r-rikorrent qatt ma kkontesta l-istqarrija li kien għamel kemm quddiem l-qorti istruttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali meta hu dejjem kien assistit b'avukati, u li, anki meta ammetta l-akkużi, huwa dejjem kien assistit minn avukat. Effettivament il-presenza ta' avukat fil-każ in eżami ma kinitx ser tagħmel differenza billi l-ħtija tar-rikorrent ġiet stabbilita abbażi tal-fatt li nstabu fuq il-persuna tar-rikorrent id-drogi kif ukoll minħabba l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu u mhux biss a bażi tal-istqarrija li rrilaxxja.

»L-intimat ssottometta li l-proċeduri lamentati mir-rikorrent huma *res judicata*. Dina l-qorti hija konsapevoli ta' ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali fejn intqal li l-prinċipju tar-*res judicata* mhuwiex assolut peress illi f'sede kostituzzjonali sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tista' "xorta waħda titwarrab jekk jirriżulta ksur tad-drittijiet fonda-mentali".

»Il-qorti però tagħmel ukoll referenza għas-sentenza Lanzon *v.* Kummissarju tal-Pulizija deċiża fil-25 ta' Frar 2013 u sentenzi oħra (Porsenna *v.* A.Ġ.) fejn intqal li:

»"Illi l-appellant ma jistax jippretendi li deċiżjoni ta' din il-qorti li għaddiet in ġudikat tiġi skartata u mwarrba b'mod illi ma tibqax *res judicata* għaliex wara li tkun pronunzjata dik is-sentenza, (fil-każ tal-lum seba' snin wara), ikun hemm żvilupp fil-ġurisprudenza.

»"Id-deċiżjoni Salduz *v.* it-Turkija ma tista' qatt isservi bħala pre-test għall-appellant biex jikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja illi għandu jitwarrab dak li kien deċiż minn din il-Qorti fil-kawża Victor Lanzon *et noe v.* Kummissarju tal-Pulizija. Dak li din il-qorti kienet iddeċi-diet dwar l-istanzi tal-appellant jagħmlu stat, indipendentement minn dak li ngħad erba' snin wara mill-*Grand Chamber* fis-sentenza ta' Salduz *v.* it-Turkija. Is-sentenza ta' din il-qorti saret *res judicata* u ma għaddietx mill-iskrutinju tal-Qorti ta' Strasbourg.

»"L-argument tal-appellant huwa fieragħ u legalment inaċċettabbli għaliex kull żvilupp tal-ġurisprudenza, inkluż fejn *si tratta* ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, jiswa għall-futur mhux għall-passat. Li kieku ma kienx hekk il-każ kien jiġri li kull sentenza li tkun saret definittiva terġa' tinfetaħ mill-ġdid għaliex ikun hemm żvilupp jew bidla fil-ġurisprudenza, ikun x'ikun dak l-iżvilupp, u jkun xi jkun il-qasam tad-dritt konċernat. Li kieku ma kellhiex tkun din il-linja korretta tad-dritt, ikun ifisser, kif qalet ben tajjeb l-ewwel qorti, illi sentenza ma tkun qatt finali."

»F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-premess fir-rigward tas-sentenza li hija *res judicata*, din il-qorti issib illi seta' kien hemm biss ksur formali tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement mhux meħtieġ li l-qorti tqis ukoll jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

»Diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali

»Aggravju ieħor tar-rikorrenti huwa dwar id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali taħt l-art. 2 tal-Kap. 101.

»… … …

»Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

»Illi fir-rigward ta' dan l-artikolu l-qorti tagħmel referenza għall-każ Ellul v. Avukat Ġenerali deċiż fis-27 ta' April 2006, li kien jitratta materja simili, fejn il-qorti kienet sabet li dik id-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali ma tiksirx l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-artikolu tal-liġi li jagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali jirreferi għal "*pre-trial stage*", filwaqt li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "jirregola l-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti". L-ordni tal-Avukat Ġenerali tinħareġ qabel ma jinbeda l-proċess ġudizzjarju proprju, u ma jolqotx il-proċess innifsu la tal-interrogazzjoni u lanqas tas-smigħ. Għalhekk l-Avukat Ġenerali ma għandux setgħa la fuq jekk persuna tinstabx ħatja jew le u lanqas għandu setgħa jiddetermina l-piena fil-każ li dik il-qorti issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kontestati lilu.

»Kif qalet ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Grech Sant *v.* Avukat Ġenerali, deċiż 8 ta' Frar 2010, b'referenza wkoll għal każistika tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxi biss smigħ xieraq u mhux ukoll "piena ġusta".

»Illi fil-każ in eżami meta r-rikorrent ġie mixli b'akkuża kriminali huwa kellu l-garanziji kollha li dan l-artikolu jirrikjedi u ma nġiebet ebda prova illi r-rikorrent ġie imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji.

»Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta

»Illi t-tifsira litterali tal-art. 7 tal-Konvenzjoni hija illi l-liġi trid tkun ċara dwar x'inhuma l-atti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu reat, u li għal dak ir-reat ma tistax tingħata piena aktar minn kemm tgħid il-liġi.

»Il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza Camilleri *v* Malta ddeċidiet li individwu għandu jkun f'posizzjoni li jkun jaf mhux biss "(i) what acts and omissions will make him criminally liable" imma wkoll "(ii) what penalty will be imposed for the act and/or omission committed".

»F'dak il-każ il-qorti sabet li

> »"The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards …

»Għalhekk f'dak il-każ il-qorti sabet illi l-inċertezza dwar il-parametri tolqot il-prevedibilità tal-piena u għalhekk kien hemm ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni.

»Illi fis-sentenza fuq riferita ta' Abdilla, il-Qorti Kostituzzjonali, wara li affermat il-prinċipji imsemmija fis-sentenza Camilleri *v.* Malta, saħqet li l-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt u li dak li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rikorrent seta' jew le jobsor illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx huwa kien ser jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali.

»Fil-każ tal-lum fil-fehma tal-qorti ma hemmx kwistjoni dwar il-prevedibilità ta' x'jikkostitwixxi r-reat. Ma kienx hemm lanqas dubju li dak li għamel ir-rikorrent kien reat kriminali serju u mhux żgħir jew *borderline* u għalhekk seta' jipprevedi x'kienet ser tkun il-piena dwar ir-reat li kkommetta u li dwaru ġie mixli.

»Każijiet bħal dana u ta' din il-gravità regolarment tressqu quddiem il-Qorti Kriminali u ma jistax jingħad illi fil-każ tar-rikorrent kienet nieqsa l-prevedibilità kif ġie interpretat li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent ma ressaq ebda argument biex juri li huwa kien ħaqqu li jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. *Inoltre* l-piena li ġiet inflitta taqa' fil-kompetenza assoluta tal-Qorti Kriminali.

»Għalhekk il-qorti ma ssibx li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taħt l-art. 7 tal-Konvenzjoni u 39(8) tal-Kostituzzjoni.

»Eċċezzjonijiet dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

»… … …

»Illi l-qorti tirrileva li għalkemm biex ikun hemm ksur tal-artikolu 14 ma hux meħtieġ li jkun hemm ksur ta' xi dritt imħares taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni (f'dan il-każ l-artikoli 6 u 7) madankollu min jgħid li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu jrid juri li dik id-diskriminazzjoni kienet fit-tgawdija ta' xi dritt jew libertà mħarsa taħt il-Konvenzjoni (ara G. Ellul Case u Rasmussen kontra d-Danimarka, Q.E.D.B. 28/11/1984.)

»Illi jkun hemm diskriminazzjoni meta l-każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jiġu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bażi oġġettiva u raġonevoli għal tali trattament differenti.

»Fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrent ma weriex li hu ġie trattat b'mod agħar minn persuna oħra fl-istess sitwazzjoni bħalu. Hu ma jirreferi għal ebda każ ieħor partikolari fejn s-sitwazzjoni ta' dan, u ċ-ċirkostanzi rilevanti, kienu simili għal dawk tar-rikorrent. Il-qorti ma tistax tqis li seħħet xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent meta tqabbel il-każ tiegħu ma' każijiet oħra ta' natura serja bħal tiegħu li wkoll spiċċaw quddiem il-Qorti Kriminali.

»Għalhekk din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni.

»Piena inflitta

»… … …

»Il-piena inflitta, u l-ħlas tal-multa, kienet waħda inevitabbli u ssegwi trattament leġittimu li rċieva mill-qorti kompetenti bħala riżultat tal-għemil illeċitu tiegħu.

»Illi r-rikorrent kien ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu għalhekk huwa kien irrimetta ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti Kriminali setgħet tasal għaliha. Jekk ir-rikorrent dehrlu li l-piena kienet

> eċċessiva, huwa seta' dejjem appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; ħaġa li huwa ma għamilx. Illi jirriżulta mhux kontestat li l-piena erogata kienet taqa' perfettament fil-parametri mogħtija mill-liġi.
>
> »Finalment ma saret ebda prova dwar l-istat finanzjarju tar-rikorrent.«

7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-24 t'Ottubru 2016 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-2 ta' Novembru 2016.

8. Qabel ma' tqis l-aggravji tal-attur, din il-qorti tosserva li ma sar ebda appell jew appell inċidentali mill-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti sabet illi: (i) kien hemm ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-attur ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija; u (ii) ma kien hemm l-ebda ksur tal-artt. 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 36 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, dawn il-partijiet tas-sentenza appellata issa huma *res judicata*.

9. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-attur. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur igħid illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta sabet li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu meta ma ngħatalux dritt jikkonsulta ma' avukat qabel ma ffirma l-awtorizzazzjoni sabiex jitteħdulu l-*x-rays* li effettivament inkriminawh. Kompla fisser dan l-aggravju hekk:

> »L-ewwel qorti ma kenitx korretta meta irriteniet li:
>
> > »"kwantu għal assistenza ta' avukat fl-istadju meta l-pulizija kienu qed jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom, lanqas il-Konvenzjoni Ewropea ma tesiġi li persuna li qed tiġi investigata jkollha d-dritt għal avukat. Fil-fatt l-artikolu 6(3) jagħti dritt għal avukat meta persuna "*is charged with a criminal offence*". Meta r-rikorrent intalab li jiffirma l-*consent form* huwa kien għadu biss qed jiġi investigat u ma kienx għadu ġie interrogat jew *charged* u għalhekk ma kellu ebda dritt ta' avukat f'dak l-istadju.
>
> »Din il-konklużjoni mhix korretta u dana peress li d-dritt għal-avukat jiskatta meta l-individwu ikun sejjer jitpoġġa jew imdaħħal f'sitwazzjoni

li b'dak li jkun mitlub jagħmel jew jgħid eventwalment jinkrimina lilhu innifsu. Dan id-dritt ma jiskattax biss jekk persuna "*is charged with a criminal offence*" kif erronjament ikkonkludiet l-ewwel qorti. L-ewwel qorti ma għarfitx li d-dritt tal-avukat joħroġ mill-"*privilege against self-incrimination*." Dan il-privileġġ jiskatta qabel ma wieħed jiġi akkużat b'reat kriminali.

»L-appellant kellu jingħata assistenza legali sabiex jiddeċiedi jekk jagħtix il-kunsens tiegħu biex jitteħdulu *x-rays* jew inkella jirrifjutax jagħti dan il-kunsens. Jirriżulta li fil-każ tal-appellant il-kunsens li ta effettivament inkriminah u kien l-unika prova relevanti li inġabet kontra tiegħu u li fuqha ssejset is-sentenza karċerarja li ġiet inflitta fuqu.

»Il-Qorti Ewropea fis-sentenza Borg *v.* Malta – (*Application no. 37537/13*) tgħid li:

> »"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

» Bħal ma saħqet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Salduz *v.* Turkey:

> »"an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself".

»Għaldaqstant mill-premess huwa ferm evidenti li l-qorti żbaljat meta illimitat l-assistenza legali għall-dawk iċ-ċirkostanzi meta fihom wieħed jiġi akkużat b'xi reat. «

10. Huwa minnu illi għall-għanijiet tal-ħarsien ta' drittijiet fondamentali l-kunċett ta' "akkuża b'reat kriminali" jew "*criminal charge*" għandhom tifsira awtronoma li tista' tkun usa' mit-tifsira formali taħt id-dritt penali. Persuna tista' titqies akkużata b'reat kriminali wkoll qabel ma tkun formalment mgħarrfa bl-akkużi miġjuba kontriha.

11. Hekk, fil-każ ta' Deweer *v.* Belgium[1] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat illi:

> » ... the prominent place held in a democratic society by the right to a fair trial (see especially the above-mentioned Airey judgment, pp. 12-13, par. 24) prompts the Court to prefer a "substantive", rather than a "formal", conception of the "charge" contemplated by Article 6 par. 1 (art. 6-1). The Court is compelled to look behind the appearances and investigate the realities of the procedure in question.

12. Ukoll, fil-każ ta' Murray *v.* United Kingdom[2] il-Qorti Ewropea kompliet tgħid hekk:

> »62. The Court observes that … Article 6 (art. 6) applies even at the stage of the preliminary investigation into an offence by the police. In this respect it recalls its finding in the Imbrioscia v. Switzerland judgment of 24 November 1993 that Article 6 (art. 6) – especially paragraph 3 (art. 6-3) - may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (art. 6-3) (Series A no. 275, p. 13, para. 36). As it pointed out in that judgment, the manner in which Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case (loc. cit., p. 14, para. 38).«

13. Dan huwa rifless fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar *Protecting the right to a fair trial under the European Convention on Human Rights*[3]:

> »In cases concerning a "criminal charge" the protection of Article 6 starts with an official notification of suspicion against the person (Eckle v. Germany, §§73-75), or practical measures, such as a search, when the person is first substantially affected by the charge (*Foti v. Italy*, §§52-53). Where a person is questioned by the police in circumstances which imply that the police consider him as a potential suspect, and his answers are later used against him at the trial, Article 6 is applicable to this questioning as well, even though the person has not the formal status of suspect or accused (*Aleksandr Zaichenko v. Russia*, §§41-60).«

---

[1] Deweer *v.* Belgium, Q.E.D.B., 27 ta' Frar 1980,

[2] John Murray *v.* The United Kingdom, Q.E.D.B., 8 ta' Frar 1996. Ara wkoll Brennan *v.* The United Kingdom, Q.E.D.B., 16 t'Ottubru 2001; Salduz *v.* Turkey, Q.E.D.B., 27 ta' Novembru 2008.

[3] *Council of Europe human rights handbooks,* 2012.

14. Fil-każ tallum il-fatt li l-awtoritajiet riedu li jittieħdu *x-rays* tal-attur juri illi kellhom suspetti dwaru u għalhekk minn dak il-waqt bdew iseħħu d-disposizzjonijiet li jħarsu l-jedd għal smigħ xieraq. Qalet ħażin għal-hekk l-ewwel qorti meta qalet illi "lanqas il-Konvenzjoni Ewropea ma tesiġi li persuna li qed tiġi investigata jkollha d-dritt għal avukat".

15. Minkejja dan, l-ewwel qorti xorta sabet li kien hemm ksur tal-jedd tal-attur għal għajnuna ta' avukat għalkemm sabet illi dan il-ksur kien biss "formali" għax l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju li ma kienx iġarrab li kieku ma kienx hemm dak il-ksur. L-attur iżda igħid illi, li kieku tħalla jieħu l-parir ta' avukat, x'aktarx illi ma kienx jagħti l-kunsens tiegħu biex jittieħdu l-*x-rays*; igħid ukoll li ġarrab preġudizzju għax dawk l-*x-rays* kienu prova ewlenija kontrih. Effettivament, għalhekk, ġie mġiegħel jinkrimina ruħu.

16. Fil-każ tallum iżda huwa relevanti dak li osservat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>Saunders *v.* United Kingdom</u>[4]:

> »69. The right not to incriminate oneself is primarily concerned, however, with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood and urine samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing.«

17. Effettivament għalhekk l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju li ma kienx iġarrab li kieku mexa fuq parir li ma jagħtix il-kunsens tiegħu biex jittieħdu l-x-*rays*, kemm għax, li kieku ma tax dak il-kunsens, kien

---

[4] 17 ta' Diċembru 1996, rikors nru 19187/1991.

hemm mezz legali, taħt l-art. 355BB tal-Kodiċi Kriminali, biex xorta jittieħdu l-*x-rays*, u l-użu ta' dawk l-*x-rays* meħuda mingħajr il-kunsens tiegħu ma kienx ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, u kif ukoll għax, ukoll mingħajr l-*x-rays*, l-attur xorta kien inkixef li kien qiegħed iġorr kapsuli b'sustanza illegali fl-istonku meta ippurgahom[5].

18. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju meta ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat dwar jekk kellux jagħti l-kunsens tiegħu biex jittieħdu *x-rays.* Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur igħid illi l-ewwel qorti żbaljat meta ma sabitx ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu meta d-deċiżjoni jekk kellux jinstema mill-Qorti tal-Maġistrati jew inkella mill-Qorti Kriminali tħalliet f'idejn l-Avukat Ġenerali. Kompla fisser dan it-tieni aggravju tiegħu hekk:

> »L-appellant iħossu aggravat mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti fejn ma sabitx li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u 39(8) tal-Kostituzzjoni meta l-Avukat Ġenerali iddeċieda jekk il-każ kellux jinstema quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew inkella quddiem il-Qorti Kriminali.
>
> »Id-diskrezzjoni li eżerċita l-Avukat Ġenerali taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiddeċiedi jekk l-akkużat kellux jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella jekk kellhiex tinħareġ [*recte*, kellux jinħareġ] att ta' akkuża, kisret d-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> »L-ewwel qorti naqset milli tagħmel referenza għas-sejbien tal-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet John Camilleri *v.* Malta (App nru 42931/10) li s-sistema hekk kif addottata minn Malta ma tipprovdi ebda gwida ta' x'każijiet imorru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u x'każijiet imorru quddiem il-Qorti Kriminali u għalhekk hija waħda li minnha nnifisa tagħti lok għal proċeduri arbitrarji. Il-Qorti Ewropea fuq dan il-punt irriteniet li:

5 Ara *foll.* 49 u 51.

» "43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court (see paragraph 14 above) noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. Neither could such a decision be seen only on mainly terms of abuse of power, even if, as the Government suggested without however substantiating their view, this might be subject to constitutional control (see paragraph 29 above)."

»Dan l-aggravju tal-esponenti jiġi amplifikat meta meħud mall-aggravji l-oħrajn fuq premessi. F'każ li l-aggravju sureferit jintlaqa' u tiġi applikata d-duttrina tal-"*fruit of the poisonous tree*" u l-evidenza li ttieħdet illegalment tiġi skartata, allura dan ifisser li aktar u aktar l-Avukat Ġenerali ma setax jiddeċiedi hu dwar jekk jibgħatx l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella jekk kellhiex tinħareġ att ta' akkuża u dana peress li, jekk id-droga misjuba tiġi skartata bħala evidenza, l-appellant ikun ġie proċessat fuq ammont indeterminat ta' droga.«

20. Is-sentenza ta' Camilleri [6] trid illi l-element ta' prevedibilità jkun meħtieġ mhux biss għal dawk li huma l-elementi tar-reat u l-ogħla piena li tista' tingħata iżda wkoll – għall-inqas bejn wieħed u ieħor – għall-*quantum* tal-piena.

21. Fil-fatt, fis-sentenza ta' Camilleri il-qorti kienet osservat illi:

»An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act and/or omission committed.«

22. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, bħal fil-każ ta' Camilleri, ma hemmx kwistjoni dwar il-prevedibilità ta' x'jikkostitwixxi r-reat. Dan qalitu wkoll

[6] Ara Camilleri *v.* Malta, Q.E.D.B, 22 ta' Jannar 2013.

il-Qorti Ewropeja dwar l-art. 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha [Kap. 31], disposizzjoni analoga għal dik tal-art. 22(2) tal-Kap. 101, iżda l-qorti osservat ukoll illi ma huwiex biżżejjed illi jkun prevedibbli biss x'jikkostitwixxi r-reat u x'inhu l-massimu tal-piena. Il-qorti fissret hekk ir-raġunament tagħha:

> »40. The Court finds that the provision in question does not give rise to any ambiguity or lack of clarity as to its content in respect of what actions were criminal and constituted the relevant offence. The Court further notes that there is no doubt that section 120A(2) of the Medical and Kindred Professions Ordinance provided for the punishment applicable in respect of the offence with which the applicant was charged. In fact, it provided for two different possible punishments, namely a punishment of four years to life imprisonment in the event that the applicant was tried before the Criminal Court, or six months to ten years if he was tried before the Court of Magistrates. While it is clear that the punishment imposed was established by law and did not exceed the limits fixed by section 120A(2) of the above-mentioned Ordinance, it remains to be determined whether the Ordinance's qualitative requirements, particularly that of foreseeability, were satisfied, regard being had to the manner of choice of jurisdiction, as this reflected on the penalty that the offence in question carried.«

23. Il-qorti fil-fatt sabet illi l-inċertezza dwar il-parametri tolqot il-prevedibilità tal-piena u għalhekk sabet ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni:

> »41. The Court observes that the law did not make it possible for the applicant to know which of the two punishment brackets would apply to him. As acknowledged by the Government …, the applicant became aware of the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried.
>
> »42. The Court considers relevant the cases of G. and M. mentioned by the applicant ... It observes that although these cases were not totally analogous (in that G., unlike M., was a recidivist), they were based on the same facts, offences in relation to which guilt was found, and a similar quantity of drugs. However, G. was tried before the Criminal Court and eventually sentenced to nine years' imprisonment whereas M. was tried before the Court of Magistrates and sentenced to fifteen months' imprisonment. More generally, the domestic caselaw presented to this Court seems to indicate that such decisions were at times unpredictable. It would therefore appear that the applicant would not have been able to know the punishment applicable to him even if

he had obtained legal advice on the matter, as the decision was solely dependent on the prosecutor's discretion to determine the trial court.

»43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court … noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. …

»… … …

»44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7.

»45. It follows that there has been a violation of Article 7 of the Convention.«

24. B'din l-interpretazzjoni xejn ma jiswa li ngħidu illi l-attur kien jaf, qabel ma qatagħha li jwettaq ir-reat, li seta' jeħel minn sitt xhur sa għomru l-ħabs; jekk ma setax, f'dak il-waqt, ikun jaf jekk setax jeħel minn sitt xhur sa għaxar snin jew minn erba' snin sa' għomru, mela ma kienx hemm il-prevedibilità li jrid l-art. 7 kif interpretat.

25. Fil-verità iżda – għax il-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas *borderline*, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali? Meta (i) tqis illi l-kwantità ta' droga kienet sostanzjali – kien qiegħed iġorr ħamsa u sittin (65) kapsula li f'kull waħda kienm hemm ħamsa u għoxrin punt żero erbgħa (25.04) gramma ta' erojina, b'kollox elf, sitt mija u sebgħa

u għoxrin punt sitta gramma (1,627.6 g), aktar minn kilo u nofs, b'purità ta' madwar wieħed u erbgħin punt tnejn fil-mija (41.2%); (ii) tqis is-sehem dirett tal-attur fil-ġarr tad-droga (li nstabet fuq persuntu); u (iii) tqis ukoll illi każijiet ta' dik il-gravità regolarment jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali, ma jistax jingħad illi fil-każ tal-attur kienet nieqsa l-prevedibilità li ġie interpretat li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.[7]

26. Dan l-aggravju għalhekk jixraq illi jiġi miċħud.

27. It-tielet u l-aħħar aggravju tal-attur jolqot ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti:

> »L-appellant jikkontesta r-rimedju li l-ewwel qorti tatu għall-leżjoni li sabet li seħħ fil-konfront tiegħu. Huwa inkonċepibbli li ksur ta' dritt fundamentali ta' individwu jimmerita biss stqarrija f'dan is-sens bħala rimedju. Rimedju għandu jkun effettiv u konkret u mhux wieħed li ma jirrimedja xejn. Id-dikjarazzjoni waħedha tal-ewwel qorti ma tipprovdi l-ebda rimedju konkret.
>
> »Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Schembri Anthony *et v.* Busuttil Mario *et* ref: 490/2011 deċiża fis-17 ta' Frar 2015, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Prim Awla u dan hekk kif preseduta mill-ewwel qorti fejn f'din is-sentenza ġie diversament ritenut li:
>
> > »"'Kumpens' jista' jkun dovut anke meta ma jkunx hemm danni sofferti minn xi ħadd, bħal per eżempju l-leżjoni ta' jedd sanċit fil-liġi. Għalkemm ma jkunx hemm 'danni' fis-sens li l-patrimonju ta' dak li jkun ma jiġix direttament, fiżikament u viżwalment imnaqqas jew preġudikat, jaf ikun hemm lok fejn persuna tiġi kumpensata għat-tnaqqir ta' jedd astratt, rikonoxxut mil-liġi".
>
> »F'dan il-każ partikolari l-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu €10,000 għal preġudizzju li huma sofrew konsistenti fi tħaffir li ma irrispettax id-distanza ta' 76 cm mill-binja tal-atturi.
>
> »Wieħed isibha diffiċli sabiex jirrikonċilja l-fatt li fil-każ appellat il-qorti stabiliet li dikjarazzjoni tal-leżjoni hija suffiċenti bħala rimedju iżda fil-każ ċitat il-qorti ħasset li leżjoni ta' dritt ċivili jimmerita kumpens ta' €10,000. Ksur ta' dritt fundamentali għandu jitqies aktar serju minn ksur ta' sempliċi dritt ċivili.«

[7] Ara wkoll Stephen Nana Owusu *v.* L-Avukat Ġenerali, Kost., 30 ta' Mejju 2016 u Jean Pierre Abdilla *v.* Avukat Ġenerali, Kost., 16 ta' Mejju 2016.

28. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tallum, b'mod partikolari, il-fatt li: (i) l-attur qatt ma kkontesta l-istqarrija li kien għamel kemm quddiem l-qorti istruttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali meta hu dejjem kien assistit b'avukati; (ii) anke meta ammetta l-akkużi, huwa dejjem kien assistit minn avukat; (iii) l-istqarrija lanqas biss kien hemm ħtieġa għaliha għaliex l-attur inqabad *in flagrante* bid-droga ġol-istonku tiegħu; (iv) l-leżjoni taħt l-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni hija biss waħda formali u ta' ebda konsegwenza ta' ħsara fuq il-proċess kriminali, din il-qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti li dikjarazzjoni tal-istess leżjoni tikkostitwixxi rimedju tajjeb, biżżejjed u effettiv.

29. Dan it-tielet aggravju huwa għalhekk miċħud.

30. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiċħad l-aggravji kollha tal-attur u, bir-riżervi magħmula fil-paragrafi 10 sa 14, ta' din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata.

31. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallashom kollha l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df